**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 31 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru 30/2022**

**Ian Borg**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Ian Borg** ippreżentat fit-12 ta' April, 2022, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

**1.** *Illi permezz ta' sentenza datata 20 ta' Jannar 2022 il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lil esponenti hati tali fl-1 ta' Awissu 2018 fix-xhur ta' qabel huwa kellu pussess u ikkultivar tal-pjanta kanabbis gewwa ir-residenza tieghu, liema pussess u ikkultivar kien ghal uzu personali kif nstab hati ta' pussess ta' arma tan-nar u munnizjon minghajr licenzja. Huwa gie liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontrih. L-esponenti gie ikkundanat li ihallas multa ta' €1,500, kopja tas-sentenza annessa u mmarkata* ***Dok IB1****.*

**2.** *Illi fid-decizjoni taghha l-Onorabbli Qorti ikkunsidrat l-fatt li l-istess esponenti temm b'success il-pjan ta' rijabilitazzjoni mhejji mill-Bord tar-rijabilitazzjopni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Il-Qorti innotat li l-istess esponenti segwa wkoll b'success il-programm tal-OASI,* ***huwa sab impjieq*** *u li huwa issa hieles mill-vizzju tad-droga.*

**3.** *Illi di fatti l-esponenti ilu jahdem bhala security guard mas-Socjeta JF Group ghal dawn l-ahhar snin cioe minn madwar Marzu 2019 sal'llum u ghalhekk kemm qabel kif wkoll wara li inqghatet is-sentenza suesposta. Illi huwa kuntent fuq il-post tax-xoghol tieghu u ghandu stima tajba kemm mal-kollegi tax-xoghol kif ukoll mal-imghallem*

*tieghu. Illi sintendi il-fatt li l-esponenti sab xoghol kompla jghinu sabiex jirijabilita' ruhu u jgheleb il-vizzju tad-droga filwaqt li jkollu indipendenza finanzjarja minn mal-familja tieghu.*

**4.** *Illi b'ittra komunikata lill esponenti datata 16 ta' Marzu 2022, annessa u mmarkata* ***Dok IB2,*** *il-Kummissarju tal-Pulizija baghat jinforma lill esponenti li il-licenzja tieghu ta' gwardjan privat kienet qeghda tigi irtirata skond dak mahsub fl-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta a bazi tal-fatt li skond l-istess Kummissarju, l-esponenti instab hati ta' "****xi delitt gravi****" ai termini tal-Artikolu 10(a)(i).*

**5.** *Illi l-esponenti ihossu aggravat b'din id-decizjoni eccessiva, irragjonevoli u sproporzjonata ta' l-istess Kummissarju stante li per konsegwenza ta' l-istess, l-esponenti se jitlef xogholu u ghalhekk qieghed jintavola dan l-umli rikors quddiem dan l-Onorabbli Tribunal sabiex din id-decizjoni tigi annullata u/jew tordna ir-revizjoni ta' din id-decizjoni u/jew li l-licenzja ta' l-esponenti tigi mgedda.*

**6.** *Illi l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:*

*13.(1) Meta d-detentur ta' liċenza ma jimxix skont xi waħda mill-patti jew kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenza jew jinqalgħu ċirkostanzi li kienu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenza kienet tkun miċħuda, il-Kummissarju jista' jewjirtira jew jissospendi dik il-liċenza.*

**7.** *Illi l-artikolu 10 jelenka cirkostanzi li jiggustifikaw li l-applikazzjoni ghal dik il-licenzja tkun michuda:*

*10.Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta'* ***xi delitt gravi ieħor****; jew*

*…*

**8.** *Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ibbaza id-decizjoni tieghu ghaliex skond hu, li l-esponenti instab hati ta' pussess ta' arma bla licenzja gewwa id-dar tieghu u li nstab hati ta' pussess u kultivazzjoni ta' kannabis ghal uzu personali gewwa ir-residenza tieghu, tikkostitwixxi "delitt gravi iehor".*

**9.** *Illi il-ligi ma' taghtix definizzjoni ta' xi jfisser jew x'jikkostitwixxi "delitt gravi" iehor.*

**<u>10.</u>** *Illi il-legislatur meta zied bhala raguni ulterjuri l'ghaliex licenzja m'ghandiex tinhareg, ghamel referenza ghal delitti gravi ohrajn (sic "delitt gravi iehor"). Illi hawnhekk il-legislatur necessarjament ried jimplika li dawn id-delitti ohrajn gravi riedu ikunu ta' l-istess portata ta' gravita bhal dawn elenkati qabilhom u ghalhekk intuzat il-kelma "iehor" flimkien mal-frasi "delitt gravi".*

**<u>11.</u>** *Illi il-gurisprudenza nostrana di fatti sabiex tistabilixxi jekk delitt partikolari jaqghax taht il-branka ta' "delitt gravi" ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) taghmel paragun ma' delitti l-ohrajn elenkati fl-istess paragrafu suespost. Illi dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza tieghu fl-ismijiet* ***Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija*** *(deciza 26 ta' Lulju 2021) ghamel it-tali osservazzjonijiet dwar dan il-punt:*

*"Illi għalkemm kull reat għandu l-gravità tiegħu għal min jissubih, it-Tribunal ma hux tal-fehma illi r-reat ta' offiża ħafifa fuq persuna, ai fini tal-artikolu 10 (a) (i), għandu jiġu kklassifikat bħala "reat gravi".* ***Dan anke meta mqabbel mar-reati l-oħra elenkati fl-istess sub-inciz…"***

**<u>12.</u>** *Illi l-esponenti umilment jemmen li bl' ebda mod ma' jistaw l-akkuzi li taghhom instab hati ghalihom l-esponenti jigu ikkunsidrati bhala "delitt gravi iehor" meta mqabbel ma: "…delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika..." kif elenkati fl-istess sub-inciz.*

**<u>13.</u>** *Illi minghajr ma wiehed inaqqas mill-gravita' tal-akkuzi li nstab hati ghalihom l-esponenti u Ii ghalihom tghallem u hallas, kollox irrid jitpogga fil-kuntest u fil-kejl relattiv tieghu. L-esponenti instab hati ta' pussess u kultivazzjoni gewwa* ***<u>id-dar privata u residenzjali tieghu</u>*** *ta' kannabis u ghal* ***<u>uzu personali</u>*** *kif ukoll pussess ta' arma minghajr licenzja, liema arma ghandha sinifikat familjari u emozjonali stante li kienet ta' nannu tal-esponenti u* ***<u>kienet mohbija gewwa id-dar tieghu</u>***.

**<u>14.</u>** *Illi hawnhekk m'ghandiex xi kaz ta xi offiza gravi fuq xi propjeta jew persuna ohra jew xi qtil volontarju (il-ligi anke teskludi qtil b'negligenza minn ragunijiet sabiex ma tinharigx licenzja), izda pussess ta' arma minghajr licenzja li kienet mohbija gewwa l-kamra tas-sodda tal-esponenti u li l-Qorti tal-Magistrati derila li ma kienetx qeghda tinzamm ghal-bejgh jew xi jinżammu għall-bejgħjew għal xi xorta ta' negozju ieħor jew inkella biex isir użuminnhom kontra l-liġi tant li ikkunsidrat il-provis tal-Artikolu 51(2)[1] tal-Kap 480 meta giet biex taghti il-piena.*

**<u>15.</u>** *Illi ghalhekk din l-offiza zgur m'ghandiex tinkwadra ruhha bhala delitt gravi iehor kif jistipola l-Artikolu 10(a)(i).*

**<u>16.</u>** *Illi minkejja li veru li fil-perjodu li l-esponenti inqabad b'dan il-pussess ta' droga u l-arma tan-nhar fir-residenza tieghu, huwa kien ghaddej minn zmien hazin, l-esponenti umilment jirreferi lill dan l-Onorabbli Tribunal ghal osservazzjonijiet li saru mill-*

[1] Artikolu 51(2) proviso tal-Kap 480: "Iżda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond jew il-ksur jitqies bħala wieħed żghir ħafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità jew il-kwalità tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkunsodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinżammu għall-bejgħjew għal xi xorta ta' negozju ieħor jew inkella biex isir użuminnhom kontra l-liġi, il-ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqasminn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmeninċenteżmu (698.81) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minntliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien:"

*Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha fejn elenkat u ikkunsidrat li l-esponenti temm b'success il-programm ta' rijabilitazzjoni mhejji mill-Bord ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u l-programm tal-OASI u li sussegwentament ghal grajja huwa sab impjieg, fatturi li kollha inghataw konsiderazzjoni meta dik il-Qorti giet biex taghti is-sentenza minima taghha.*

**17.** *Illi minkejja dan id-decizjoni tal-Kummissarju li tirevoka il-licenzja ta' gwardjan, minflok kompliet tghin sabiex l-esponenti jkompli jirijabilita' ruhu, bhal ma ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, tefatlu ostakolu jew ahjar gambetta irragonevoli fit-triq ta' rijabilitazzjoni ghalih li skartat kompletament l-interess ta' l-istess esponenti.*

**18.** *Illi fil-kawza fl-ismijiet* **Pulizija vs Stephen Spiteri** *datata 22 ta' Settembru 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali irretenit:*

*"…llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz… imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"*

**19.** *Illi a kuntrarju ta' dak li pruvat taghmel il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha billi ikkundannat lill esponenti ihallas il-multa mizera ta' €1,500 ghal imputazzjonijiet li nstab hati ghalihom, id-diskrezzjoni u id-decizjoni mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda unikament retributtiva u ma' taghmel xejn biex tkompli tghin lir-rikorrenti sabiex ikompli jsegwi "t-triq it-tajba".*

**20.** *Illi din id-decizjoni se thalli konsegwenzi mill-aktar profondi fuq l-esponenti u ferm aktar mill-multa li ikkundannat il-Qorti tal-Magistrati u dan ghaliex l-esponenti se jigi mcahhad b'mod perpetwu milli jkompli bix-xoghol li huwa qabad u li sejjer tajjeb fih kif se jintwera fil-proceduri odjerna, liema impjieg qieghed jipprovdi ghal ghejxien tieghu u li fuq kollox qieghed izommu okkupat u jaghtih skop fil-hajja.*

**21.** *Illi in oltre u fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jirriteni umilment li id-decizjoni li tigi irtirata il-licenzja se jkolla u effettivament gia ghanda l-istess effett daqs li kieku l-esponenti qieghed jigi ikkundannat darbtejn ghal l-istess reat u dan b' vjolazzjoni ghal principju tal-gustizzja naturali ne bis in idem.*

**22.** *Illi dan qieghed jigi irretenut stante li wara is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ian Borg datata 20 ta' Jannar 2022 fejn l-esponenti gie immultat €1,500 ghaz- zewg reati li nstab hati ghalihom huwa kellu aspettativa legittimma li l-kaz gialardarba gie res judicata kien se jieqaf hemm u jista issa jhares il-quddiem. Izda id-decizjoni tal-Kummissarju, bhal sajjetta fil-bnazzi, regghet b'mod tassattiv kkundannat l-esponenti ghal l-istess offizi billi iccahhdu mill-Licenzja ta' Gwardjan Privat u dan meta kien diga hallas ghal ghemilu u irriforma ruhu kif osservat diga l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati.*

*GHALDAQSTANT qieghed jigi umilment mitlub lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex fid-dawlu ta' dak kollu suespost tithassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif kontenuta fl-ittra lill esponenti datata 16 ta' Marzu 2022 u jigi ordnat illi l-Licenzja ta' Gwardjan Privat ta' l-esponenti, Ian Borg b'numru 13326 ghanda tigi mgedda skond il-ligi.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fl-20 ta' April 2022 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi l-Kummissarju esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirtira l-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta abbażi tal-Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar 2022 talli "f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Awwissu 2018 u fix-xhur ... u fis-sena u nofs ta' qabel din id-data" wettaq diversi reati, fosthom, "Ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ...kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' L-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta", kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu u taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar jew minuzzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-Att dewat l-Armi u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, liem arma ma kinitx qed tinżamm għall-finijiet ta' kollezzjoni għaliex kellha wkoll balal ġodda. Il-Kummissarju esponent jikkunsidra dawn ir-reati kumplessivi, li huma wkoll elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP', bħala gravi ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-esponent ikkunsidra dawn ir-reati mwettqa mir-rikorrent bħala gravi taħt l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li r-reati kommessi mir-rikorrenti huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrenti għandha tkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat (ara* ***Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva***[2] *deċiża fis-26 ta' Lulju 2021);*

4. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala "delitt gravi ieħor" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) (oltre għal dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-artikolu), l-istess artikolu ma ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

5. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli;*

[2] Rks 87/2020.

6. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li jisħaq ir-rikorrent li ċioe dan huwa każ ta' vjolazzjoni ta' ne bis in idem, għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-rikorrent, minħabba li wettaq reati kriminali ta' ċertu gravita', ma baqax jistgħa jikkwalifika biex jiġi fdat bil-liċenzja ta' gwardjan privat;*

7. *lli finalment b'referenza għat-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Ra l-affidavit ippreżentati mir-rikorrent;

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ippreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 16 ta' Marzu 2022, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*Nagħmel referenza għal-liċenzja tiegħek ta' Gwardjan Privat.*

*Għandi ninfurmak li l-liċenzja tiegħek ta' Gwardjan Privat, qed tiġi rtirata skond ma hemm maħsub fl-Artikolu 13(1) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċċjali tal-Komunità (Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-irtirar qed isir ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) (instabt ħati ta' xi delitt gravi) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq imsemmi.*

*Dan qed iseħħ wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, nhar l-20 ta' Jannar, 2022, dwar droga u pussess illegali t'armi.*

**Ikkunsidra:**

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe`:

*"Il-Kummissarju* ***ghandu***[3] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi* ***delitt gravi ieħor****;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma huwiex wieħed mir-reati msemmija espressament fl-istess sub-inċiż, jistax jiġi kkunsidrat bħala **delitt gravi** jew le.

Illi jirriżulta illi l-Kummissarju tal-Pulizija, fil-konsiderazzjoni tiegħu tal-applikazzjoni tar-rikorrent, ħa in konsiderazzjoni prinċipalment sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 20 ta' Jannar 2022. Minn qari ta' din is-sentenza jirriżulta illi r-rikorrent instab hati tas-segwenti reati, u cioe` illi:

1. *Ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjoni elenkati fl-Isekda II mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-Att dwar l-Armi u dan bi ksur tal-Artikolu 5, Kap. 480;*

[3] Enfasi tat-Tribunal

Illi t-Tribunal laqa' talba tar-rikorrent biex il-process kriminali msemmi hawn fuq jigi allegat mal-proceduri odjerni sabiex jaghmel prova. Minn dan il-process jirrizulta illi l-imputat gie riferut ghall-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, liema Bord irrakkomanda li kien sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni tar-rikorrent wara li l-istess segwa programm mal-OASI b'success u sab impjieg.

Illi minn ezami tal-process kriminali jirrizulta wkoll illi fil-pussess tal-imputat instabu madwar 100 gramma haxix tal-cannabis, madwar 70 gramm weraq niexef u wkoll zewg pjanti tal-cannabis u madwar 11-il gramma *buds.*

Illi jirrizulta li fil-mori ta' dawk il-proceduri, dahal fis-sehh l-Att LXVI tal-2021 li jippermetti l-kultivazzjoni ta' erba' pjanti tad-droga kannabis u l-pussess ta' mhux iktar minn hamsin gramma ta' kannabis niexfa ghall-uzu personali minn persuna ta' 'il fuq minn tmintax-il sena fir-residenza li tidher fuq id-dokument ufficjali bhal karta ta' l-identita`. Illi peress li l-ammont ta' grammi ta' kannabis misjub ghand ir-rikorrent kien izjed minn dak preskritt mil-ligi, il-Qorti sabitu hati ta' kkultivar u pussess tal-pjanta kannabis. Il-Qorti sabitu wkoll hati li kien fil-pussess ta' pistola semi-awtomatika u diversi balal u dana minghajr ma kellu licenzja ghaz-zamma tal-istess. Ghal dawn ir-reati l-Qorti ikkundannat lir-rikorrent ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500), ghall-hlas tal-ispejjez peritali u wkoll ordnat il-konfiska tal-arma u l-munizzjon esebit.

Illi jirrizulta illi fil-fehma tal-Kummissarju intimat dawn ir-reati jikkostitwixxu "delitt gravi" mentri r-rikorrent jishaq illi llum il-gurnata huwa rrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u xhieda ta' dan hemm dak li jirrizulta mill-process kriminali. Fir-rigward tar-reat taz-zamma ta' arma huwa jispjega li din kienet ta' nannuh u kien zammha hu ghax zijuh ried juzaha biex itemm hajtu. Illi pero` jammetti li huwa kien xtara munizzjon gdid ghax ried jippruvaha fl-imwarrab.

Illi t-Tribunal huwa konxju li f'sentenzi li gew ippronunzjati minnu stess wera l-fehma illi l-gravita` ta' delitt hija kommizurata mal-piena abbinata mieghu. Jekk wiehed jara r-reati l-ohra msemmija f'artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta isib li dawn huma s-segwenti:-

1. Omiċidju volonarju għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat priġunerija għal għomru;
2. Offiża gravi fuq il-persuna għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat sa massimu ta' għaxar snin priġunerija;
3. Delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew

bil-vjolenza, għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat għal massimu ta' seba' (7) snin priġunerija;
4. Delitt kontra l-fiduċja pubblika. It-Tribunal josserva illi dawn ir-reati jistgħu ikunu varji u kull wieħed jattira miegħu piena differenti fejn l-iktar reat gravi huwa dak ta' manifatturar ta' flus għal liema reat wieħed jista' jiġi kkundannat sa għaxar snin priġunerija.

Illi jekk wieħed jeżamina l-piena abbinata ma' dawn iċ-ċitati reati wieħed jirrealizza l-gravita` tagħhom għaliex il-piena hija waħda ta' ċertu portata mentri l-piena għal pussess tad-droga kannabis hija ta' massimu ta' tnax-il xahar priġunerija jew multa minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, filwaqt li r-reat ta' pussess ta' arma minghajr licenzja huwa sanzjonat b'multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Illi t-Tribunal jirrileva li l-pieni ghar-reati mwettqa mir-rikorrenti huma ferm differenti minn dawk elenkati ghar-reati msemmija iktar 'il fuq u filwaqt li ma jistax jimminimizza s-serjeta` tal-pussess u kultivar tal-pjanta kannabis lanqas ma jista' jekwipara d-delitti mwettqa mir-rikorrenti mad-delitti msemmija fis-subinciz citat iktar 'il fuq. Illi filwaqt li t-Tribunal jista' japprezza li z-zamma ta' arma minghajr licenzja hija preokkupanti ghall-Kummissarju tal-Pulizija, kif del resto hija ghal dan it-Tribunal, pero` jhoss li s-semplici pussess, dment li l-istess arma ma tigix utilizzata, ma jistax jitqies bhala "delitt gravi" tal-istess portata tad-delitti l-ohra msemmija fic-citat subinciz.

Għaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jirribadixxi li r-reati mwettqa mir-rikorrent huma serji, madanakollu ma jistax jitfaghhom fl-istess keffa ta' gravita` tar-reati l-ohra msemmija fil-ligi. Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza li l-Kummissarju intimat ghandu diskrezzjoni wiesgha meta jigi biex jikklassifika delitt jistax jigi kkonsidrat "gravi" jew le, huwa tal-fehma illi l-istess "delitti gravi" iridu jkunu tal-istess gravita` ta' dawk imsemmija fis-subinciz (a) (i). Illi t-Tribunal jirrileva in oltre illi jekk wiehed ihares lejn id-delitti elenkati fis-subinciz (a) (i) isib li l-vittma hija dejjem terz jew is-socjeta` in generali, mentri fir-rigward tar-reati in ezami, ghal dak li ghandu x'jaqsam il-pussess tad-droga kannabis, il-vittma kien l-istess rikorrent filwaqt li fir-rigward tar-reat taz-zamma ta' arma minghajr licenzja ma jirrizultax li bit-twettieq tal-istess reat giet leza l-inkoluminita` ta' xi terz.

Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat għandha tiġi annullata sabiex isir eżerċizzju mill-ġdid tal-istess fid-dawl ta' dak li ntqal iktar' il fuq.

Illi finalment it-Tribunal jirrileva illi huwa ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex igedded il-liċenzja *de quo,* u dan kif mitlub mir-rikorrent. Dan il-poter jibqa' dejjem riservat għall-Kummissarju intimat.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi, fit-termini hawn fuq enunċjati, jilqa' t-talba tar-rikorrent sabiex ihassar id-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 16 ta' Marzu 2022, u kwindi qieghed jannullaha, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tal-Kummissarju intimat.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**